# MARIJA ASSUNTA MEQJUMA FIL-GŻEJJER TAGĦNA

*Kan. Joseph Grech-Cremona, B.A., Lic.D.*

Il-qima tal-Maltin u l-Għawdxin lejn Marija Assunta, Patruna prinċipali tal-gżejjer tagħna hi bla ebda dubju ta' xejn kbira tassew. Dan jidher ċar mill-għadd sabiħ ta' knejjes, artali, xbiehat, u statwi li nsibu, nistgħu ngħidu, f'kull rokna ta' Malta u Għawdex.

Nibdew mill-knejjes. Meta fil-1575, żar il-gżejjer Maltin, il-Viżitatur Apostoliku, l-Isqof Mons. Pietro Duzina, sab li kellna mhux inqas minn 92 knisja ta' l-Assunta, li waħda minnhom kienet fil-gżira ta' Filfla. Tagħha għadu jeżisti l-kwadru, li l-lum jinsab fiż-Żurrieq. Il-lum għad għandna biss 37 knisja ta'l-Assunta; f'Malta, il-Parroċċi tal-Gudja, H'Attard, S.Marija Damaxxena (Tal-Griegi), l-Imqabba, il-Mosta, il-Qrendi, Ħal-Għaxaq, Ħad-Dingli u l-Imġarr, kif ukoll knejjes żgħar (b'kollox 25 waħda), fil-limiti ta' l-Imdina ir-Rabat, in-Naxxar,(2), il-Gudja, Ħal Qormi (3), iż-Żejtun (2), iż-Żurrieq, is-Siġġiewi (2), Ħaż-Żebbuġ (3), Hal-Tarxien, Ħal-Lija, Ħal-Safi, il-Mosta (Ta'Żejfi), Ħal Għargħur (2), Ħal-Luqa, Ħal-Balzan, u Ħamrun tas-Samra u f'Għawdex; il-knisja Kattedrali, il-Bażilika- Santwarju Ta' Pinu u l-Paroċċa taż-Żebbuġ.

Naturalment, kif jaf kulħadd, il-Parroċċi kollha dedikati lill-Assunta, għandhom l-istatwa tagħha. Insibu wkoll statwa ta' Santa Marija fil-knisja Arċipretali tal-Furjana, ta' minn insemmi li l-kwadri titolari tal-Parroċċa Tal-Griegi, tal-Mosta, tal-Kattidral ta'Għawdex, tal-Bażilika ta' Pinu, u tal-Parroċċa taż-Żebbuġ ta' Għawdex huma lkoll inkurunati.

Hemm imbagħad l-Oratorju, imsejjaħ ta' l-Onorati, magħqud mal-knisja tal-Giżwiti tal-Belt Valletta dedikat ukoll lill-Assunta. Insibu wkoll artali tagħha fil-knejjes, Parrokjali tal-Birgu, l-Isla, in-Naxxar, is-Siġġiewi, Ħaż-Żebbuġ, u Ħal-Luqa, barra minn kwadri f'diversi knejjes oħra. Insemmu biss dawk tal-Kon Kattidral ta' San Ġwann, l-Oratorju tal-Kunċiżżzjoni magħqud ukoll mal-knisja tal-Ġiżwiti tal-Belt, il-Bażilika ta' B'Kara, il-Parroċċa ta' San Ġorġ ta' Ħal Qormi, dik ta' Ħal-Balzan, tal-Mellieħa u tal-Gżira f'Malta, u fil-Kolleġġjati ta' San Ġorġ, il-Għarb, u x-Xagħra u fil-knisja l-qadima ta' Għajnsielem f'Għawdex. Dan ma nsemmmux il-pitturi sbieħ li juru l-Assunta li nsibu fis-saqaf ta' bosta knejjes tagħna.

Nispiċċa billi nsemmi, li mqar fit-toroq tal-gżejjer Maltin ta' spiss issib statwi tal-ġebel li juru lil Marija Mtellgħa s-Sema. Ma naħsibx li nkun qed niżbalja jekk ngħid li l-gżejjer ta' San Pawl huma wkoll il-gżejjer ta' Marija Assunta.



*L-Assunta fil-Knisja ta' Wejda fil-Mosta - dettal (Ritratt: Reuben Chetcuti)*